**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**KAZ NRU : 3152/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**
**bejn**
**Saviour Busuttil (Karta tal-identita': 156390M)**
**u**
**Calypso Manufacturing Ltd (C-7677)**

*dwar tkeccija mill-impieg allegata li hi ngusta*

**Illum il-Gimgha 9 t'Awissu, 2019**

**Digriet**

It-Tribunal,

Ra l-verbal datat 12 ta' Frar, 2019, fejn il-Konsulenti Legali tal-partijiet, ossia, l-Avv. Ian Spiteri Bailey ghas-socjeta` ntimata u l-Avv. Robert Gauci Maistre ghar-rikorrent, bi qbil bejniethom kienu qeghdin jaghmlu referenza ghad-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell, (Sede Inferjuri) tal-25 ta' Jannar, 2019, Appell numru: 35/2018 per l-Onorevoli Mhallef, Anthony Ellul, fl-ismijiet, Waldemar David Galea vs l-Universita` ta' Malta, fejn gie deciz mill-Onorabbli Qorti tal-Appell illi t-Tribunal Industrijali m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma' kwistjonijiet ta' xoghol ta' allegata tkeccija ngusta minn kuntratt definit tax-xoghol.

**Konsiderazzjoni tat-Tribunal Industrijali**

Illi artikolu 75 (1) paragrafi (a) u (b) ta' Kap 452 jistipula s-segwenti:-

> (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, t-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –
>
> (*a*) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija nġusta; u
>
> (*b*) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega l-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:[1]

Illi minn dan l-artikolu hemm stipulati l-istanti fejn it-Tribunal Industrjali ghandu jkollu gurisdizzjoni, liema istanti huma elenkati fl-imsemmi artikolu.

In oltre, f'artikolu numru 2, u cioe` l-artikolu li jaghti t-tifsira tal-kliem li jinsab fl-istess Kap 452, "tkeċċija nġusta", dwar ħaddiem, tfisser -

> (*a*) it-temm mill-Prinċipal dwar dak il-ħaddiem ta' **kuntratt ta' mpieg għal żmien mhux stabbilit (barra minn impieg bi prova skont kif imfisser f'dan l-Att)**[2] li jkun temm li ma jsirx biss minħabba *redundancy* jew għal raġuni xierqa skont id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Att jew xi regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, jew
>
> (*b*) li jkun sar bi ksur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 64(4), jew

[1] Att Dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali, artikolu 75, Kap 452 Tal-Ligijiet ta' Malta.
[2] Enfazi tat-Tribunal Industrijali.

(*ċ*) li, għalkemm isir minħabba *redundancy* jew għal raġuni xierqa, ikun diskriminatorju kif imfisser f'dan l-Att jew f'xi regolamenti magħmulin taħtu;

It-Tribunal wara li fela profondament dan l-artikolu u evalwa din l-interpretazzjoni li hemm fl-istess artikolu 75, jikkonkludi li l-legislatur fl-Att Dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali, Kap 452 kien qieghed jillimita l-gurisidizzjoni tat-Tribunal Industrijali ghal dawk is-sitwazzjonijiet fejn kien hemm kuntratt ta' mpieg ghal zmien mhux stabbilit, ossia ghal zmien indefint.

Li kieku l-legislatur ried li t-Tribunal Industrijali jisma' u jiddeciedi dawn l-istanti ta' kuntratti ta' mpieg ghal zmien definit, fil-gurisdizzjoni tal-istess Tribunal kien jinkludi dawn is-sitwazzjonijiet ta' kuntratti ta' mpieg ghal zmien stabbilit (definit) fil-gurisdizzjoni tieghu. Hawn tapplika l-massima latina, *ubi lex voluit dixit*. Dwar dawn is-sitwazzjonijiet ta' kuntratti stabbiliti, l-ligi in materja, ossia, Kap 452, baqghet siekta.

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li r-rikorrent kellu kuntratt ta' xoghol ghal zmien definit, ossia ghal zmien sabbilit, f'dan il-kaz in dezamina, ta' sena.

It-Tribunal ra ukoll id-decizjoni msemmija tal-Qorti tal-Appell, datata 25 ta' Jannar, 2019, fl-ismijiet Waldemar David Galea vs l-Universita` ta' Malta, per, l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul[3] fejn gie deciz li t-Tribunal Industrijali m'ghandux kompetenza li jisma' u jiddeciedi dawn is-sitwazzjonjiet hawn msemmija ta' kuntratti ta' mpieg ghal zmien stabbilit.

Illi ghal dawn ir-ragunijiet moghtija t-Tribunal Industrijali qieghed jiddeciedi li ma ghandu l-ebda komptenza u gurisdizzjoni li jisma' u jiddeciedi din l-odjerna kwistjoni ta' xoghol dwar tkeccija li hi allegata ngusta.

Ghaldaqstant, ai termini ta' artikolu 741, paragrafu 'b', tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, dan it-Tribunal mhux se jiehu konjizzjoni ta' din il-kwistjoni ta' xoghol u ghal din ir-raguni qieghed jordna li l-Atti kollha ta' din il-kwistjoni jigu trasferiti lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili sabiex tiehu konjizzjoni ta' din il-kwistjoni ta' xoghol.

**(Iffirmat)**
Avv. Geoffrey Vella
Chairman

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**

[3] Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), Appell Numru 35/2018, per Onor. Mhallef Anhthony Ellul, deciz 25 ta' Jannar 2019, Waldemar David Galea vs Universita` ta' Malta.